**FULJETT INFORMATTIV GĦAL SOLUZZJONIJIET GĦAL SIĠĠIJIET TAR-ROTI U TA’ SEATING MINN OTTOBOCK**

Din li ġejja hi tabella li turi l-proċess tal-assessjar, pagament, manifattura, twettieq tal-assessjar u l-kunsinna tal-prodotti minn Ottobock.

Ir-riferimenti kollha għal assessjar mill-Ottobock Malta Clinic għall-provediment ta’ siġġijiet tar-roti personalizzati u soluzzjonijiet ta’ seating għandhom jintbagħtu liċ-Ċentru Sonia Tanti Taqsima Ħajja Indipendenti (STILC) fi ħdan Aġenzija Sapport.

1. Isir assessjar online minn terapista ta’ Ottobock.
2. Tingħata stima lill-klijent.

Issir konferma mill-klijent dwar il-pagament kif maqbul ma’ Ottobock. Ir-responsabilità tal-pagament hi tal-klijent.

3. Isir assessjar wiċċ imb’wiċċ f’Malta (tintalab tariffa ta’ €50, pagabbli lil Aġenzija Sapport.
4. Tingħata l-istima finali lill-klijent.
5. Ir-Rapport Professjonali tal-applikazzjoni tal-Empowerment Scheme għandha timtela mit-terapista ta’ Ottobock.

Jimtlew applikazzjonijiet għal skemi ta’ sussidju, inkluż l-Empowerment Scheme.

6. Isir il-pagament, tiġi kkonfermata l-ordni u tibda l-manifattura tal-prodott.

Għandu jitħallas il-100% tal-pagament qabel ma’ Ottobock tibda l-manifattura tal-prodott.

Aġenzija Sapport Helpline – Freephone Servizz.gov 153 (ext. 05)
+356 2256 8000 www.sapport.gov.mt sapport@gov.mt Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera, SVR 1614

**7. Isir appuntament wiċċ imb'wiċċ f'Malta għal Midfit.**

1. Tittieħed nota ta' tibdil neċessarju.
2. Tkompli l-manifattura.

**8. Tintbagħat il-kunsinna.**

Il-prodott jintbagħat lill-klijent.

**9. Rifużjoni mill-Empowerment Scheme*.**

1. L-irċevuti għandhom ikunu provduti lill-Empowerment Scheme.
2. Fondi mogħtija mill-Empowerment Scheme jingħataw direttament lill-klijent.

** Il-fondi jistgħu jiġu trasferiti direttament lil Ottobock fi stadju 6 f'ċerti sitwazzjonijiet. Jekk jogħġbok iddiskuti mat-tim tal-Empowerment Scheme.*

Il-klijent qed jikkommetti li jissottometti kull applikazzjoni oħra li qed jibgħat għal sussidju alternattiv minn organizzazzjonijiet oħra jekk dan ikun neċessarju. Dan is-sussidju għandu jgħaddi għand Ottobock bħala pagament parzjali lejn il-prodott kwotat.

Il-klijent qed jikkometti li jħallas id-differenza tas-somma li jifdal li ma tkunx koperta mill-ebda sussidju, mill-fondi personali tiegħu. Il-klijent hu responsabbli għall-ħlas totali tal-prodott/i kkwotati. Il-manifattura ma tibdiex minn Ottobock jekk ma jkunx hemm konferma tal-prodotti/i b'pagament totali. Ir-relazzjoni kummerċjali għall-ordni, manifattura, kunsinna u after-sales tal-prodotti hi totalment bejn il-klijent u Ottobock Plc.

Il-klijent jaqbel li mingħajr il-flus neċessarji, u mingħajr il-pagament totali kif mifthiem, Ottobock ma tkunx tista' tipproċessa l-ordni jew tibda l-manifattura tal-prodott/i kkwotat/i.

**Validità tal-Assessjar**: L-assessjar u r-rakkomandazzjonijiet tat-Tim Kliniku ta' Ottobock jibqgħu validi għal sitt (6) xhur mid-data tal-assessjar. Wara li jgħaddu s-sitt xhur, dan l-assessjar ma jibqax validu. Jekk is-servizz jiġi mitlub wara li jiskadi dan il-perjodu ta' validità ta' sitt (6) xhur, ikun meħtieġ riferiment ġdid għal assessjar mill-ġdid, skont l-aħjar prattika klinika.